APPREZZAMENT

# Dun Ġużepp Busuttil (1935-2014)

**Simon Mercieca** – Dipartiment tal-Istorja Università ta' Malta



Dun Ġużepp Busuttil – wieħed mill-ikbar Latinisti li qatt kellha Malta

Nhar l-1 ta' April 2014 tħabbret il-mewt tal-professur Franċiż Jacques le Goff li reġa' kiteb l-istorja Medjevali Kristjana Ewropea. Fl-istess ġurnata tħabbret il-mewt ta' Dun Ġużepp Busuttil. F'dan l-apprezzament qasir, mhux se nfakkru bħala saċerdot u nitkellem dwar il-ħidma tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġiljan, iżda bħala wieħed mill-ikbar skolari tal-lingwi klassiċi, jiġifieri l-Latin u l-Grieg, li qatt ipproduċiet l-Università ta' Malta.

Shabu tal-kors jgħidu li Monsinjur Edward Coleiro, li kien il-professur tiegħu tal-Latin, kien jgħid li qatt ma kien jimxexxilu jsiblu żball tant kemm il-Latin tiegħu kien perfett. Dun Ġużepp kompla l-istudji fl-Università ta' Londra fejn kiseb id-dottorat fil-lingwi klassiċi (Ph.D). Beda minn kmieni l-karriera tiegħu fit-tagħlim u r-riċerka tal-lingwi klassiċi u anki kien jgħallimhom fil-Fakulta tal-Arti, fl-Università ta' Malta.

Ippubblika anki numru ta' artikli dwar Malta kif tissemma' fid-dokumenti klassiċi, jiġifieri skrizzjonijiet u kitbiet klassiċi bil-Grieg u bil-Latin. Fost ix-xogħlijiet li kiteb hemm dwar l-oriġini tal-kelb Malti *(the Maltese terrier)* li referenzi għalih insibuhom diġà fid-dinja klassika, jiġifieri dik Rumana.

Is-soppressjoni tal-Fakultà tal-Arti mill-Università ta' Malta fis-snin sebgħin wasslet biex Dun Ġużepp mar jgħallem il-lingwi klassiċi fir-Rhodesia. Wara perjodu ta' tagħlim barra, irritorna lejn pajjiżna fejn kien ġie mogħti l-inkarigu biex jorganizza l-Arkivju tal-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana.

Grazzi għall-ħidma tiegħu, il-Kurja tal-Arċisqof il-Furjana għandha arkivju organizzat hafna. Kien f'dan l-arkivju li sirt naf lil Dun Ġużepp, kif kulħadd kien isejjaħlu. Kien ta' għajnuna kbira għalija kemm matul il-ħidma tiegħi biex nagħmel id-dottorat tiegħi fuq l-istorja demografika u anki wara firriċerka tiegħi dwar l-istorja ta' pajjiżna.

Kull meta kont nitkellem miegħu, dejjem is-suġġett kien jaqa' fuq l-istorja ta' pajjiżna u dik ekkleżjastika li tant kien iħobb. Hi ħasra li sforz l-umiltà kbira li kellu, ilħsibijiet tiegħu qatt ma fformulahom fi ktieb jew f'xogħol ieħor akkademiku. Hu kellu l-ħsibijiet tiegħu dwar il-perjodu Għarbi ta' pajjiżna u kien jinsisti li ltaqa' ma' referenzi dwar dan il-perjodu, fosthom f'kotba li kellhom fihom pubblikazzjoni ta' dokumenti Biżantini, fejn jingħad li Malta kien parti (parroċċa) tal-Knisja tal-Kalabrija.

Hu kien isostni li l-Kristjaneżmu baqa' f'Malta matul il-perjodu Għarbi. Flumiltà tiegħu, Dun Ġużepp kien jinsisti li hu arkivistika u mhux storiku u fatti bħal dawn kien għad jonqoshom li jgħaddihom mill-awtentifikazzjoni empirika. Fl-istess waqt kien qed jindika li hemm triq oħra li għadha mhux mgħarbla tajjeb għażżmien Għarbi f'pajjiżna, dik tad-dokumentazzjoni Griega jew aħjar Biżantina, li żgur titfa dawl ġdid fuq l-istorja ta' Malta.

Fuq kollox, l-għarfien tallingwi klassiċi, inkluż il-Grieg, kienu wassluh biex jitkellem b'ċerta awtorità dwar l-oriġini ta' numru ta' toponomi Maltin bħalma hi l-kelma Xlendi, li hu kien jispjega l-etimoloġija tagħha bħala li ġejja mill-Grieg Biżantin. Forsi kien jibża', li kieku kellu jesprimi dawn il-ħsibijiet bil-miktub kien ikun qed jaqla' l-katavri mill-qabar u jwaqqa' t-teorija ta' Ġużè Aquilina, li kienet tgħid li fil-Malti tal-lum ma baqa' xejn minn dak li kien mitħaddet qabel il-perjodu Għarbi.

Hi ħasra li forsi ftit kien apprezzat matul ħajtu, iżda t-telfa tiegħu fissret li Malta tilfet wieħed mill-ikbar Latinisti li kellha u persuna li ma kellha l-ebda diffikultà biex taqra dokumentazzjoni medjevali. Sal-aħħar ta' ħajtu, kien qed jaħdem fuq dokumentazzjoni qadima dwar Malta. Fuq livell personali, Dun Ġużepp għallimni kif naqra u nittraskrivi d-dokumenti qodma tas-seklu sittax: ta' dan nghidlu grazzi mill-qalb.

Matul dan iż-żmien kollu li ħadem ta' arkivista, Dun Ġużepp ippubblika numru ta' artikli dwar dokumenti ta' Malta medjevali u anki pparteċipa fi produzzjoni ta' ktieb fejn fihom ħarġet informazzjoni ġdida dwar l-istorja tagħna, inkluż dik bikrija li tmur għas-sekli ħdax u tnax, anki jekk hawn kien iddispjaċut li l-pariri tiegħu dwar it-traduzzjoni ta' ċertu kliem mill-Grieg għall-Ingliż mhux dejjem ġew milqugħa.

Jalla edizzjonijiet ta' dak li kien qed jagħmel fuq manuskritti inediti medjevali flimkien ma' xogħlijiet oħra li kien kiteb ħafna snin ilu dwar il-perjodu klassiku (jiġifieri żmien ir-Rumani) f'Malta u li wkoll għandhom forma manuskritta, anzi biex ikun aktar eżatt, f'forma dittalografika (jiġifieri ttajpjati), jaraw id-dawl permezz ta' pubblikazzjoni.

Dan żgur ikompli jagħni l-istorja ta' pajjiżna u jservi ta' memorja oħra tal-għerf ta' dan il-qassis umli Malti.


ĠITI RELIĠJUŻI

Fatima u Portugall
6-13 Lulju
ESKURSJONIJIET U IKEL INKLUŻ
MINN €850

Pellegrinaġġi ta' 4 t'ijiem f'Lourdes
14-19 Lulju, 28 Lulju - 2 Awwissu, 11-16 Awwissu, 25-30 Awwissu
IKEL KOLLU NKLUŻ
MINN €499

Pellegrinaġġi ta' 5 t'ijiem f'Lourdes
4-10 Lulju u aktar dati f'Lulju, Awwissu u Settembru
IKEL KOLLU NKLUŻ
MINN €539

EuroTours




# Banif Bank jiftaħ fergħa ġdida fil-Mosta

Bħala parti mill-programm ta' espansjoni tiegħu, Banif Bank (Malta) plc fetaħ fergħa ġdida fil-qalba tal-Mosta bil-għan li jilħaq aktar klijenti fil-lokalità fejn jgħixu u jaħdmu, kif ukoll jikseb klijenti ġodda.

Li joffri faċilitajiet aħjar u jkun aktar aċċessibbli għall-pubbliku huwa ta' importanza kbira għal Banif, u issa b'aktar fergħat mifruxa madwar Malta u Għawdex, il-Bank se jkun jista' joffri servizz aħjar minn dak li diġà hu rikonoxxut għalih.

Il-fergħa attraenti ta' Banif Bank fil-Mosta kienet inawgurata uffiċjalment mill-Prim Ministru Joseph Muscat, fil-preżenza tal-Kap Eżekuttiv tal-Bank Joaquim F. Silva Pinto, diretturi, kapijiet ta' dipartimenti tal-Bank, u t-tim li se jmexxi l-fergħa, kif ukoll rappreżentanti distinti tal-komunità Mostija.

Waqt li semma r-riżultati sinifikanti li għamlu l-Bank dak li hu llum, Silva Pinto qal li Banif hu bank domestiku ewlieni f'Malta li issa qed jaħdem biex jilħaq parti akbar tas-suq. Il-Bank esperjenza tkabbir mgħaġġel fi żmien qasir, inkoraġġutmill-fiduċja li wera fih il-pubbliku.

Fl-isfond ta' dan, bħala bank ewlieni fis-settur finanzjarju, Banif Bank *jikkontribwixxi* għas-sistema finanzjarja b'saħħitha f'Malta u għar-reputazzjoni tal-pajjiż bħala ċentru importanti ta' servizzi finanzjarji.



# Seminar minn Citadel Insurance

Citadel Insurance minn dejjem kienet innovattiva fil-mod kif tmexxi l-kummerċ tal-assigurazzjoni, u dan reġgħet urietu meta, ftit ġimgħat ilu, organizzat seminar għal dawk li jsewwu l-karozzi, fejn kelliema kompetenti minn diversi oqsma tkellmu dwar suġġetti varji li għandhom x'jaqsmu mat-tiswija tal-karozzi.

L-għan tal-*workshop* kien li jlaqqa' flimkien lil dawk li jsewwu l-karozzi biex jingħataw tagħrif dwar modi u metodi kif jistgħu jkunu aktar effiċjenti f'xogħolhom u jieħdu idea tal-aħjar prattiċi u modi ġodda li jistgħu jużaw fin-negozju tagħhom.

Naturalment, is-sidien tal-karozzi jinsistu għal standard għoli meta jiġu biex isewwu l-karozza tagħhom, u l-aħjar mod biex jaslu għal dan hu li jużaw dawk il-garaxxijiet li huma ċertifikati mill-Awtorità tal-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (l-MCCAA).

Citadel Insurance toffri kull xorta ta' assigurazzjoni bħal assigurazzjoni tal-karozza, tal-ivvjaġġar, tad-dar, tad-dgħajsa, tan-negozju u assigurazzjoni fuq il-ħajja.